BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA



# Muniti tad-Deheb
## 1990-1999

MALTA COIN CENTRE


**Malta Coin Centre**
Bank Ċentrali ta' Malta
Pjazza Kastilja
Valletta VLT1060
Malta
**(+356) 2550 6006/7/8**
**https://www.maltacoincentre.com/**
**customercare@maltacoincentre.com**

# Il-50 Anniversarju mill-għotja tal-George Cross lil Malta




1992

| | |
|---|---|
| Tip | Deheb |
| Denominazzjoni | Lm25 |
| Dijametru | 22.05mm |
| Piż Gross | 7.98g |
| Finezza | 0.916 |
| Disinjatur | Noel Galea Bason |
| Zekka | Royal Mint, UK |
| Stampar | 500 |

Biex jitfakkar il-50 Anniversarju mill-għoti tal-George Cross lil Malta, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita tal-fidda b'valuta legali għal żmien limitat f'verżjonijiet proof u Brilliant Uncirculated (BU). It-tema hija riproduzzjoni ta' parti mill-kwotazzjoni rjali li tenfasizza l-ispirtu tal-Maltin matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

# 430 sena fid-difiża tal-Ewropa Nisranija




1993

| | |
|---|---|
| Tip | Deheb |
| Denominazzjoni | Lm25 |
| Dijametru | 23mm |
| Piż Gross | 6.72g |
| Finezza | 0.9 |
| Disinjatur | Coin Invest, Lieschtenstein |
| Zekka | Valcambi, Switzerland |
| Stampar | 2,500 |

Fl-1530 Malta ngħatat lill-Ordni ta' San Ġwann mill-Imperatur Karlu V. L-Ordni kienet involuta fil-ġlieda kontra l-Imperu Ottoman sa mis-seklu tlettax. Fl-1565 l-Ottomani ppruvaw jinvadu lil Malta iżda l-gżira, bis-saħħa tad-difiża tal-kavallieri u tal-abitanti tagħha, irreżistiet assedju ta' tliet xhur.

Fl-1571 ix-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann ingħaqdu ma' flotta tal-Insara u ħadu sehem fil-Battalja ta' Lepanto, biex b'hekk taw kontribut sinifikanti għar-rebħa li kiseb Don Juan tal-Awstrija kontra l-flotta Ottomana. L-Assedju l-Kbir ta' Malta tal-1565, il-Battalja ta' Lepanto tal-1571 u l-Battalja deċiżiva ta' Vjenna tal-1683 naqqsu b'mod effettiv it-theddida Ottomana għall-Ewropa.